DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 97/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness I (Affarijiet Veterinarji u fitosanitarji), l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, eżaminazzjoni u ċertifikazzjoni) u Protokoll 47 (Tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' l-inbid) li hemm mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 75/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ([1]).

(2) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ([2]).

(3) Il-Protokoll 47 tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([3]).

(4) Il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u l-Konfederazzjoni Żvizzera jifformaw unjoni doganali skond it-Trattat Doganali tad-29 ta' Marzu 1923.

(5) L-Anness 11 dwar miżuri dwar is-saħħa ta' l-annimali u żutekniċi applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali, għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, ([4]) minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim dwar l-Agrikoltura" huwa applikabbli għal-Liechtenstein. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2003 ([5]) teżenta lil-Liechtenstein mill-applikazzjoni ta' Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim.

(6) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 ([6]), kif emendat, ġie estiż għal-Liechtenstein bi Ftehim Addizzjonali tat-22 ta' Lulju 1972 ([7]). Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 177/2004 ([8]) teżenta lil-Liechtenstein mill-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 3 u partijiet mill-Protokoll Nru 4 għall-Ftehim.

(7) Il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Liechtenstein qablu li jestendu l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura għal-Liechtenstein bi Ftehim Addizzjonali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Addizzjonali", li għandu jidħol fis-seħħ fl-istess ħin ma' din id-Deċiżjoni.

(8) Għal dan il-għan huwa xieraq, anke sabiex ikun hemm applikazzjoni konsistenti ta' sett uniku ta' regoli għall-katina kollha ta' l-ikel, li l-Liechtenstein jiġi eżentat mill-applikazzjoni tal-partijiet li jikkorrispondu tal-Ftehim, jiġifieri l-Anness I, il-Kapitoli XII u XXVII ta' l-Anness II, u l-Protokoll 47 sakemm il-Ftehim dwar l-Agrikoltura jibqa' applikabbli għal-Liechtenstein,

([1]) ĠU L 328, 13.12.2007, p. 10.
([2]) ĠU L 328, 13.12.2007, p. 18.
([3]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 40.
([4]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.
([5]) ĠU L 94, 10.4.2003, p. 43.
([6]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.
([7]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 281.
([8]) ĠU L 133, 26.5.2005, p. 33.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-istess jum li fih jidħol fis-seħħ il-Ftehim Addizzjonali, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 3

Il-Liechtenstein u l-Komunità Ewropea għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE bid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Addizzjonali li jestendi l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura għal-Liechtenstein.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

ANNESS

L-Annessi I u II u l-Protokoll Nru 47 li hemm mal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif speċifikat hawn taħt:

1. It-test li ġej għandu jiżdied taħt l-intestatura Adattamenti Settorjali ta' l-Anness I:

   "Madankollu, dan l-Anness m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.";

2. L-ewwel paragrafu tal-parti ta' introduzzjoni tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.";

3. It-test li ġej għandu jiżdied fil-parti ta' introduzzjoni tal-Kapitolu XXVII ta' l-Anness II:

   "Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.";

4. It-test li ġej għandu jiżdied fil-parti ta' introduzzjoni tal-Protokoll 47:

   "Madankollu, dan il-Protokoll m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein."